MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Numru. 41/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Mary Bezzina bint Francis u Magdalen nee' Gambin, imwielda fil-21 ta' Frar, 1957 u residenti 16, Triq Taht Putirjal, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 12957(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Mary Bezzina li giet akkuzata talli nhar il-21.09.2009 ghal habta ta' 21:30hrs f'Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex:-

1) Ippermettiet lil Andrew Peter Knight u Ronald William Burns jaghmluha ta' substitutes minghajr permess mill-

Awtorita Regolatorja fl-istabbiliment GLASS BOX BEACH BAR.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrizulta illi l-imputata hija l-licensee tal-post in kwistjoni. Illi jidher illi hija ghamlet dak kollu necessarju mal-awtoritajiet koncernati biex tirregistrahom bhala s-substitutes skond il-ligi izda jidher illi dan ma sehhx minhabba nuqqas da parti tal-istess inkwilini.

Madanakollu ghalkemm l-imputata tghid illi wara li ghamlet dan hija siefret, jidher illi meta giet lura mis-safar ghall-habta ta' Ottubru hija xorta wahda ppermettiet lill-inkwilini jkomplu fil-gestjoni tal-fond ghalkemm kienet taf li kienu ghadhom ma gewx irregistrati;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 43(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja u tikkundannaha multa ta' elf mija u hamsa u sittin Euro (€1165).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------